24 ta' Lulju, 1951

Imħallef :

L-Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Giuseppe Baldacchino *versus* Rosina Baldacchino et.

**Digriet — Impunjazzjoni — Appell — Proċedura — Diviżjoni.**

*Il-liġi tirrikonoxxi żewġ kwalitajiet ta' digrieti, u ċjoè dawk definitivi u dawk interlokutorji.*

*L-istess liġi ma tagħtix appell minn digriet li ma jkunx interlokutoriu; u għalhekk min irid jimpunja digriet li huwa definitiv, jew li għandu n-natura u karattru ta' digriet definitiv, għandu jmexxi r-reklam tiegħu per mezz tal-proċeduri ordinarji taċ-ċitazzjoni fil-kontestazzjoni tal-parti avversa. Mid-deċiżjoni, imbagħad, li tingħata fuq dik iċ-ċitazzjoni, jista' jsir appell bil-proċedura ordinarja quddiem il-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tiegħu r-Re.*

*Diviżjoni parzjali ma hix ammissibili jekk ma jkunx hemm il-kunsens ta' l-interessati kollha. Għaldaqstant digriet li bih il-Qorti tassenja definitivament lil wieħed mill-kondividenti xi sustanzi ereditarji bħala parti mis-sehem li dak il-kondivident imissu fil-qasma, qabel ma ssir il-likwidazzjoni, għandu jiġi revokat jekk jiġi mpunjat.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-attur talab li, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, billi fuq rikors tal-konvenuti aħwa Baldacchino tat-28 ta' Mejju 1951 (dok. A) huma talbu li s-sekwestratarju ġudizzjarju jiġi awtorizzat jikkunsinnalhom l-oġġetti elenkati fil-lista hemm eżibita, tal-valur approssimattiv ta' £180; u billi dina l-Qorti, b'digriet tad-19 ta' Ġunju 1951, akkoljiet dik id-domanda, non ostanti l-oppożizzjoni ta' l-attur; u billi dak il-provvediment jekwivali għal diviżjoni "in parte", inammissibili mingħajr il-kunsens ta' l-interessati kollha, kif ukoll

għal diviżjoni b'assenjazzjoni, kontra d-dispost ta' l-art. 547 Kod. Ċiv., apparti l-fatt li ħafna minn dawk l-oġġetti ġew akkwistati wara li nfetħet l-eredità u ma jidħlux fil-kawża taddiviżjoni li fiha ġie nominat is-sekwestratarju ġudizzjarju; jiġi revokat id-digriet fuq riferit tad-19 ta' Ġunju 1951 għall-finijiet kollha tal-liġi. B'riżerva ta' drittijiet oħra; u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tar-risposta ta' l-attur tal-4 ta' Ġunju 1951 għar-rikors fuq riferit, kontra l-konvenuti jew min minnhom;

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

Mill-attijiet tal-kawża ċivili nru. 282/1950 fl-ismijiet "Rosina Baldacchino et. vs. Giuseppe Baldacchino" jirriżulta li ż-żewġ attriċi f'dik il-kawża, in segwitu tal-mewt ta' ommhom Angiolina Baldacchino, talbu l-likwidazzjoni ta' l-assi soċjali eżistenti bejn id-decujus u missierhom, li huwa l-kontropart fil-kawża, kif ukoll il-qasma..............;

Illi dina l-kawża hija pendenti quddiem perit ġudizzjarju. li fl-istess ħin ġie nominat sekwestratarju, li għadu qiegħed iżomm is-seduti;

Illi kif jidher mill-attijiet tal-kawża prinċipali (fol. 13 u 22), iż-żewġ attriċi diġà kienu ttentaw li jieħdu l-ħwejjeġ li in segwitu ġew assenjati in parti lilhom bid-digriet li minnu hawn ir-reklam il-lum, u kienu, in vista ta' l-oppożizzjoni talkonvenut, waslu għal ftehim, li, sabiex l-oġġetti ma jitgħarrqux, ikun lilhom permess li jaċċedu fid-dar fejn hemm il-missier ħalli jieħdu kemm jista jkun kura tal-ħwejjeġ u bjankerija in kwistjoni, kif ukoll minn dak l-istess proċess jirriżulta li ġie nominat sekwestratarju ġudizzjarju fuq talba taż-żewġ attriċi (fol. 27-32) sabiex iħares id-drittijiet tagħhom fuq il-beni li l-attriċi jista' jkollhom interess dwarhom;

Illi ż-żewġ attriċi, b'rikors tat-28 ta' Mejju 1951, għamlu rikors fejn jidher li qajmu l-kwistjoni odjerna, u li, wara li ġie notifikat lill-attur odjern u konvenut fil-kawża tal-likwidazzjoni, dan l-aħħar, b'risposta tiegħu tal-4 ta' Ġunju 1951. oppona ruħu għat-talba kontenuta ad eċċezzjoni ta' dawk ilħwejjeġ ta' lbies u ħwejjeġ personali tagħhom, li kienu użati, u dana, bħala sempliċi "modus vivendi", ġie milqugħ minn dina l-Qorti fis-sens li kien ekwu u ġust li ż-żewġ attriċi, għad li hemm is-sekwestratarju ġudizzjarju u l-kawża ma spiċċatx,

jiehdu l-ħwejjeġ ta' lbies u oħrajn ta' użu għalihom personali msemmija fir-rikors, u li sakemm tispiċċa l-kawża jistgħu eventwalment jispiċċaw jew jitgħarrqu, u dan skond stima mill-irkantatur Santucci—liema ħaġa, waqt li hija ta' vantaġġ lill-atturi, ma tippreġudikax lill-konvenut;

Illi l-kawża odjerna hija reklam minn dak l-istess digriet;

**Ikkunsidrat;**

Illi waqt it-trattazzjoni tal-kawża, u fil-verbal tal-lum, intqal li l-attur kien imissu nterpona appell mid-digriet li kontra tiegħu hemm reklam, u mhux mexa bil-proċedura taċ-ċitazzjoni;

Illi l-Liġi tal-Proċedura Ċivili tirrikonoxxi żewġ kwalitajiet ta' digrieti, u ċjoè dawk "qui terminant negotium de quo agitur" jew digrieti definitivi, u dawk "qui non terminant negotium principale et aliam post se expectant sententia", (ara Appell 18 ta' Ottubru 1940 in re "Carmelo Scicluna vs. Giuseppe Debono". Vol. XXX, Parte I, paġ. 882; u Appell "Dr. Giorgio Busuttil vs. Onorevoli Dr. Carlo Mallia ne." tal-1 ta' Ġunju 1925, Vol. XXI, Parte I, paġ. 164);

Illi l-istess Liġijiet tal-Proċedura Ċivili tagħna ma jagħtux lok għal appell — u għal dana l-fini l-liġi tordna proċedura u termini speċjali — jekk mhux minn digriet li jkun interlokutorju (ara Appell Vol. XXXII, Parte I, paġ. 340, mogħtija fit-8 ta' Frar 1946, in re "Rosa Borg vs. Dr. Frank Chetcuti ne."). Minn dana jitnissel loġikament, naturalment u skond il-prinċipji tal-ġjus u ekwità, li min irid jimpunja digriet definitiv, jew li għandu dik in-natura u dak il-karattru, irid imexxi r-reklam tiegħu per mezz tal-proċedura ordinarja ta' l-att taċ-ċitazzjoni fil-kontestazzjoni tal-parti avversa; u jekk mis-sentenza li tintervjeni fuq dik il-proċedura huwa eventwalment ikun jidhirlu li ma jkunx iħossu soddisfatt dwar id-drittijiet tiegħu, minnha jkun jista' bid-dritt jinterponi appell fil- u bil-forma ordinarja avversu dik l-istess sentenza lill-Qorti Suprema ta' dana l-pajjiż. Difatti, li huwa hekk il-metodu legali approvat minn dawn il-Qrati jinsab affermat mill-ġurisprudenza (ara sentenza ta' l-Appell fuq ċitata in re "Scicluna vs. Debono"), fejn intqal li f'każ ta' deċiżjoni definitiva l-appell b'sempliċi rikors, bħal fil-każ ta' digriet interlokutorju, huwa null u bla effett, il-għaliex il-forma u termini għal dawk

id-digrieti (interlokutorji) stabbiliti mill-liġi juru per sè li d-digrieti l-oħra li ma jkunux interlokutorji, li fuqhom u dwar l-appelli tagħhom ebda forma speċjali u "ad hoc" ma hija stabbilita, għandu jkun hemm reklam minnhom lill-Qorti Superjuri u Tribunal Suprem skond il-forma ordinarja meħtieġa u mitluba mill-liġi sabiex ikun adit dak l-istess Tribunal;

Illi fuq l-iskorta ta' dawn il-prinċipji jingħad li l-forma proċedurali segwita mill-attur hija ritwali; il-għaliex indubbjament dina l-Qorti bid-digriet tagħha tad-19 ta' Ġunju 1951, (1) iddeċediet fil-kontestazzjoni tal-partijiet il-kwistjoni sollevata definitivament, u (2) bl-assenjazzjoni magħmula ta' l-oġġetti msemmijin in natura, non ostante li għamlitha fuq il-bażi ta' l-istima Santuċċi għall-finijiet ta' l-ugwaljanza tal-kwoti tal-kondividenti, hija marret definitivament kontra l-prinċipju li kwalunkwe kondividenti għandu dritt li jkollu minn kull ħaġa in diviżjoni in natura fis-sehem tiegħu u l-oġġetti; u l-ħwejjeġ assenjati bid-digret mpunjat ġew sottratti għall-applikazzjoni ta' dak il-prinċipju;

Ikkunsidrat;

*Omissis;*

Illi qabel ma jiġu riżoluti dawn il-kwistjonijiet huwa leċitu li jiġi mistoqsi: kif jistgħu dawk l-oġġetti, bla kunsens ta' l-interessati kollha, definitivament jiġu assenjati lil xi wieħed jew xi waħda mill-kondividenti bla ħsara ta' l-oħrajn imdaħħlin fil-qasma? L-uniku mezz, kif jiddeżumi ruħu minn dak li fuq intqal, li kien ikun validu għall-effettwazzjoni ta' qasma parzjali kien ikun il-kunsens unanimi tal-kollitiganti —f'liema każ biss ir-regola li diviżjoni parzjali mhix ammissibili ċċedi l-kamp li fronti għall-volontà unanimi ta' l-interessati (ara Laurent Vol. X, parag. 291). Del resto, dan il-punt ġà ġie deċiż minn dawn il-Qrati fis-sens premess, imħaddan minn dina l-Qorti fuq l-awtorità tal-Laurent u tad-Dritt Ruman, fejn il-ġudizzju ta' qasma darba biss jista' jsir, u jekk jibqgħu xi affarijiet in komuni għall-insaputa tal-kondividenti fl-epoka tal-qasma, dwarhom tkun tista' tiġi promossa l-azzjoni "de communi dividundo" (ara P.A. Ċivili, 1 ta' Frar 1936, in re "Giorgio Pulo vs. Francesco Pulo et.", Vol. XXIX, P. II, pag. 940);

Illi fuq dawn il-prinċipji dina l-Qorti ma tħossx li tista' taqbel mad-digriet tagħha tad-19 ta' Ġunju 1951 fuq imsemmi;

Illi jingħad ukoll li bil-metodu użat jiġi newtralizzat prinċipju ieħor importanti għall-ugwaljanza tal-kondividenti dwar l-assenjazzjoni ta' kull ħaġa li tidħol fil-wirt u suċċessjoni, u ċjoè d-diviżjoni bix-xorti, li ma tkunx tista' ssir jekk "a priori" x'uħud mill-ħwejjeġ ereditarji jiġu assenjati qabel il-likwidazzjoni, il-fissazzjoni tal-kwoti, u l-pjan tal-qasma;

Illi dak li għamlet u ordnat dina l-Qorti bid-digriet in kontestazzjoni huwa qasma parzjali, fejn ma jikkonkorrix il-kunsens tal-kollitiganti kollha—ħaġa li ma tistax issir;

Illi huwa prinċipju konoxxut li l-azzjoni "familiae erciscundae" hija universali u individwa, u ma tistax tiġi xissa. Huwa għalhekk li jrid ikun hemm għaliha l-konkors tal-kondividenti kollha biex issir il-qasma in natura, li hija r-regola; għaliex l-assenjazzjoni per mezz tal-ħwejjeġ mibjugħin hija l-eċċezzjoni;

Illi dwar l-oġġetti ndikati fid-dokument "C", preżentat il-lum mill-attur, ma jidherx li hemm in-negazzjoni tal-kunsens ta' l-attur, li huwa wieħed mill-kondividenti, dwar l-assenjazzjoni tagħhom liż-żewġ konvenuti;

Għal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tirrevoka d-digriet tagħha tad-19 ta' Ġunju 1951 fuq imsemmi dwar l-oġġetti kollha assenjati, ad eċċezzjoni ta' dawk imdaħħla fid-dokument "C" preżentat il-lum;

L-ispejjeż jitħallsu kollha miż-żewġ konvenuti, li tibqa' riżervata lilhom kwalunkwe azzjoni, "si et quatenus", skond il-liġi, għad-drittijiet li għandhom u jista' jkollhom.